MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Numru 43/1997

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin E. Bayliss)**

**Vs**

**Kevin Pace**

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi in esami li permezz taghhom Kevin Pace gie akkuzat talli, nhar id-19 ta` Jannar, 1997, fit-Triq Elia Zammit, Paceville, San Giljan, ghall-habta ta` xi s-1.00 a.m. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` haddiehor f`periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta` Tarcisio Parnis, mir-Rabat, Malta, billi ikkagunalu feriti ta` natura gravi, hekk kif iccertifika t-tabib tal-Sptar San Luqa, Dr. R. Chircop M.D. u dan kollu bi

ksur ta` l-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta` Malta:-

Kif ukoll talli, fl-istess data, hin u post, b`xi mod iehor kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan kollu bi ksur ta` l-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta` Malta:-

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex titratta mal-imputat talli huwa recidiv b`sentenza defenittiva tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Awla Nru: 15, fejn fil-21 ta` Novembru, 1996, kien immultat Lm 300 multa, wara li kien instab hati fuq ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali (fol. 6 ta` l-atti) u li permezz taghha ta il-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet lill-akkuzat jiddikjara, fl-esami tieghu li ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura (fol. 10 ibid).

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-ufficcjal prosekutur (fol. 19 et seq ibid) beda billi spjega li dan il-kaz kien jinvolvi incident bejn zewg sewwieqa ta` "taxis" precizament l-akkuzat u Tarcisio Parnis u li minhabba fih, kien intervenew erba` pulizija cioe` PS 428 Patrick Galea, PC 1369 Joseph Camilleri, PC 407 Norman Schembri u PC 124 Emanuel Borg. Bhala konsegwenza ta` l-istess incident, Tarcisio Parnis kien allegatament sofra feriti ta` natura gravi u ghalhekk, ix-xhud kien interroga lill-akkuzat li rrilaxxja l-istqarrija bil-miktub, annessa mal-atti a fol. 22 u mmarkata Dok. MB1. Inoltre, x-xhud in konnessjoni mal-feriti li garrab il-parti lesa, hu esebixxa l-anness certifikat mediku rilaxxat mit-Tabib Robert Chircop (ara fol. 24 ibid) u mmarkat Dok. MB2. Inoltre zewg ritratti bil-kulur mibghuta mill-istess parti lesa lix-xhud u mmarkati Dok. MB3 (ara x-xhieda ta`

John Parnis, hu l-parti lesa a fol. 60 ibid). Dwar l-istess punt, ix-xhud semma` li meta kien ra lill-parti lesa dan kien b`idu x-xellugija fil-gibs, aktarx miksura bhala konsegwenza ta` dan l-incident (ara wkoll l-kopja tar-rapport a fol. 26 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-erba` pulizija msemmija gew prodotti biex jixhdu u dan kif ser jinghad:-

a) PC 407 Norman Schembri (fol. 29 et seq ibid) semma` li "ghall-habta tas-1 am, kienet inqalghet konfussjoni izda "ma kontx vicin fejn inqala` l-incident". Meta mar fejn dan kien svolga ruhu, hu ra lil Tarcisio Parnis ma` l-art waqt li l-akkuzat kien "… bil-wieqfa fuqu" ossija "bil-wieqfa". Hu ma kienx ra l-glieda izda fuq Tarcisio Parnis "rajt xi daqqiet". Inoltre hu kien sema` lill-akkuzat jghid illi "… kien qala` hu stess xi daqqa` ta` ponn fuq ghonqu" minghand il-parti lesa. In rigward, ix-xena, hu iddeskriviha bhala "… konfussjoni ta` nies fuq xulxin". Inoltre ma kien ra l-ebda arma jew oggett iehor f`idejn l-akkuzat. Fl-ahhar nett hu ezamina r-ritratti esebiti (Dok. MB3) u hawn hekk qal wara li rahhom, li l-parti lesa kellu "demm niezel ma` wiccu".

b) PC 124 Emanuel Borg (fol. 37 et seq ibid) xehed, ukoll, li meta kien wasal fuq il-post ta` incident, il-glieda kienet waqfet, izda l-akkuzat u l-parti lesa kienu ghadhom fuq il-post. Difatti, Tarcisio Parnis kien ilmenta li l-akkuzat kien tah daqqa ta` sieq u kisirlu idu. Inoltre dan kien zied jghid illi, waqt il-glieda kien waqa` ma` l-art. Inoltre minn l-imsemmija ritratti, hu qal li kien ra "demm niezel".

c) L-ex Surgent tal-Pulizija Patrick Galea (fol. 77 et seq ibid) xehed ukoll li ma kienx ra l-incident izda spjega li hu kien jaf li lill-akkuzat bhala sewwieq ta` "taxi" fil-lokalita` ta` San Giljan. Fil-lejl in kwistjoni, meta sema` li kien hemm glieda waqt li kien fil-vicinanzi, hu kien mar ma` pulizija ohrajn, fuq il-post u kien ra "ragel li, ukoll, jahdem bit-taxi", cioe` il-ferut involut f`dan il-kaz, "li kellu demm niezel ma` wiccu" u b`kunjomu Parnis. In rigward l-istess

incident, hu qal li, fil-post kien hemm hafna nies. Inoltre il-ferut meta rah kien bil-wieqfa, “panikuz” u oltre l-ferita f`wiccu ma setax jiftakar jekk il-ferut ilmenta dwar xi wahda ohra. Meta muri l-istess ritratti a fol. 25 ibid, hu qal li, fuq il-post Tarcisio Parnis kellu dik fuq in-naha ta` quddiem ta` wiccu izda “ ma niftakar xejn dwar il-feriti … fuq in-naha ta` wara ta` ras ta` l-istess Parnis”. In kontro esami, hu specifika li qabel l-incident hu kien ra lill-akkuzat fil-venda tat-“taxis” waqt li kien qed jippassiggja izda mhux vicin it-taxi abjad tieghu.

d) PC 1369 Joseph Camilleri (fol. 81 et seq ibid) li kien max-xhud precedenti xehed li meta kien ra lill-ferut, wara l-glieda dan kien ma` l-art, minn fejn l-istess xhud kien gabru. L-istess ferut kellu demm hiereg minn rasu u kien ilmenta max-xhud dwar ugiegh f`rasu u dan kollu wara li kien qala` daqqa ta` ponn minghand l-akkuzat.

Ikkunsidrat

Illi l-parti lesa xehed (fol. 50 et seq ibid) li, fil-gurnata in kwistjoni, hu kien fuq xogholu bhala sewwieq ta` “taxi” vicin fejn hemm l-istabiliment tas-socjeta` “Maltacom” fejn hemm il-venda ta` “taxis”. In rigward l-akkuzat, li hu wkoll sewwieq ta` “taxis”, fl-istess gurnata, dan “… beda jaghmel kull vjagg” u “minhabba hekk jiena u ohrajn meta sar is-1.30 am, ma konniex ghamilna vjagg wiehed” u meta hu lmenta, ma` l-akkuzat, dwar dan, dan ta` l-ahhar irreagixxa billi qal “jiena ala biebi minn Putirjal” kif ukoll “xejjer idejh” ossija “… ta` daqqa ta` ponn, laqatni fuq wicci … waqajt ma` l-art u ksirt idi” waqt li kompla “jaghtini fuq wicci bis-sieq”. Minhabba hekk, kien spicca ma` l-art u giet miksura idu x-xellugija. Sussegwentement, ghal madwar sitt (6) gimghat, hu kellu idu miksura fil-gibs. In rigward iz-zewg ritratti (ara wkoll fol. 60 ta` l-atti) annessi a fol. 25, dawn kienu ittiehdu minn huh il-kbir John fil-gurnata stess ta` l-incident. Dwar ic-certifikat mediku anness a fol. 24, ix-xhud spjega li dan kien inghata lilu mit-Tabib Robert Chircop u mbaghad kien tah lill-Pulizija. In kontro esami, hu stqarr li kien minnu li “… irrabjajt meta rajt lil Kevin Pace jaghmel hafna vjaggi u ahna xejn” u dwar il-lejl meta gara l-incident hu sostna li “… kont ili fuq

il-venda mis-6pm sas-1am u ghalhekk "… ma kellu ebda vjagg". Difatti jidher li f`dan il-hin, kien irrabja u mar fuq l-akkuzat sabiex jkellmu dwar din is-sitwazzjoni kif fil-fatt ghamel minghajr, pero` ma tah daqqa ta` harta lill-akkuzat. Difatti hu sostna li fl-ebda hin, ma miss lill-akkuzat izda kien argument konsistenti fi kliem biss, bejnu u l-akkuzat wahidhom. Inoltre dwar l-incident in esami, hu semma` li "… jiena kont, f`certu hin qed naqla` d-daqqiet ta` sieq fuq wicci meta kont ma` l-art".

Ikkunsidrat

Illi, hawn hekk, jigi rilevat illi:-

a) ma giex prodott it-Tabib mediku sabiex jikkonferma c-certifikat mediku esebit in atti a fol. 24 ibid (ara fol. 34 dwar il-mandat ta` akkumpanjament mahrug mill-Qorti fil-konfront ta` dan ix-xhud u li qatt ma gie esegwit u fol. 98 ibid dwar l-istess xhud li "jinsab imsiefer fit-tul fi New Zealand".

b) l-akkuzat ma xehedx u ma pproduca l-ebda prova izda a fol. 22 ibid tinsab annessa l-istqarrija rilaxxata mill-istess akkuzat dwar l-incident in esami. Minnha jidher li hu qed jsostni li, fil-lejl in kwistjoni kien fil-venda tat-"taxis" "wara minni imsemmi". Wara nofs il-lejl, kien gie avvicinat minn erbgha minn nies li talbuh sabiex jwassalhom f`Bormla u Wied il-Ghajn, kif fil-fatt ghamel meta rritorna lura fil-venda, u kif hareg mit-"taxi" tieghu, kien gie fuqu sewwieq iehor cioe` Tarcisio Parnis li beda jidghi u jargumenta mieghu ("… kulhadd bil-klijenti tieghu"). L-istess Parnis kompla billi hedded lilu u ta lill-akkuzat, daqqa ta` ponn "… bit-tlett icrieket fuq widnejja l-leminija". Ghalhekk hu l-akkuzat wiegeb billi ta daqqa ta` ponn lill-parti lesa. Hawn hekk it-tnejn waqghu ma` l-art. L-akkuzat kien pront u qam mill-art qabel l-iehor u hawn hekk gew il-pulizija. Wara li hu llarga mill-post u gie lura, madwar saghtejn wara l-parti lesa kien gie lura wkoll, fuq il-post ta` l-incident u fil-prezenza ta` l-akkuzat u ta` diversi sewwieqa ta` "taxis". Ohrajn, imsemmijin fl-istess stqarrija, kien gie osservat jitla` lura fit-"taxi" tieghu, jixghel il-magna jindirizza kliem oxen fil-konfront tal-akkuzat. L-akkuzat

kompla biex jghid illi, l-feriti fuq wicc il-parti lesa setghu gew kagunati waqt l-incident u li dan ta` l-ahhar seta` kiser idu meta t-tnejn flimkien waqghu ma` l-art. Inoltre, hu, l-akkuzat kien mar fl-isptar peress li kien hass ugiegh f`widintu u fl-ghaksa, dwar dan il-punt ma ngiebet ebda prova.

Ikkunsidrat

Illi, dwar dak li allega l-akkuzat u dwar il-versjoni tal-fatti moghtija minnu fl-imsemmija stqarrija, l-akkuzat avvolja inghata l-opportunita` ma ressaq ebda prova "viva voce" jew permezz ta` xi dokument quddiem din il-Qorti. Illi, pero` mill-provi prodotti u tenut kont illi l-*"onus probandi"* u rigward il-htija ta` l-akkuzat minghajr ma jissussisti dubbju ragjonevoli ossija dettat mir-raguni kemm moralment kemm legalment, kien jispetta lill-Prosekuzzjoni u mill-provi prodotti jidher li:-

a) hemm tali dubbju dwar minn beda l-glieda, bejn l-akkuzat u l-parti lesa. Difatti jista` jirrizulta, fuq bazi ta` probabilita`, illi l-glieda effettivament nbdiet mill-parti leza meta dan ta l-ewwel daqqa ta` ponn filwaqt li l-akkuzat irreagixxa in difesa u proporzjonalment billi ta` daqqa ta` ponn lura u b`hekk gew kagunati l-feriti li minnhom ilmenta l-istess parti lesa (ara l-artikoli 223 u 224 (c) tal-Kodici Kriminali.

b) Inoltre ma jistax ma jigix ripetut illi sfortunatament u minghajr ebda htija da parti tal-Prosekuzzjoni, it-Tabib Dottor Robert Chircop ma setax jigi prodott quddiem il-Qorti sabiex "viva voce" jixhed dwar ic-certifikat mediku esebit in atti a fol. 24.

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl ta` dak premess, billi hemm probabilita` illi l-akkuzat agixxa "in legittima difesa" kif spjegat, il-Qorti tara li dan il-kaz ma hux imputabbli vis-à-vis id-delitt in esami waqt li hu, certament, hati tal-kontravenzjoni a bazi tal-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti issib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi ta` feriti ta` natura gravi u ta` recediva izda hati talli fid-19 ta` Jannar, 1997, fi Triq Elia Zammit, Paceville, San Giljan b`xi mod iehor kiser il-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b`ghajjat u dan skond l-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali.  In rigward piena l-Qorti tikkundanna lill-akkuzat Lm 25 ammenda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------